MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 43/2004

**Saviour u Emanuela
konjugi Farrugia**

**vs**

1. **Joseph u Mary Ann
konjugi Fenech**

2. **George u Maria Lourdes
konjugi Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati solidalment:

1. Illi jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), jew somma verjuri, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-istess konvenuti skond skrittura privata datata 29 ta’ Dicembru tas-sena 2001, [Dok. SF1 anness];

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Awissu tas-sena 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru numru 86/04 u bl-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Marzu tas-sena 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

3. Illi jekk il-konvenuti jonqsu li jidhru fil-jum u siegha msemmijin, il-qorti tiddeciedi skond il-Ligi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datat t-13 ta’ Frar tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ‘*ratione valoris’* ghar-ragunijiet segwenti:-

(i) l-atturi qed jitolbu l-hlas fis-somma ta’ hamest elef Lira Maltija (LM5,000.00,0) “jew somma ohra verjuri” u ghalhekk l-ammont li qed jintalab huwa wiehed indeterminat u ghaldaqstant tapplika r-regola stabbilita fl-artikolu 747(1) tal-Kap.12 tal-Ligijet ta’ Malta illi jiddisponi li “l-valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta’ gurisdizzjoni limitata”; u

(ii) l-atturi oltre ghas-somma ta’ hamest elef Lira Maltija (LM5,000.00,0) qed jitolbu wkoll il-hlas tal-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Marzu, tas-sena 2003 u ghalhekk effettivament l-ammont illi qed jintalab jeccedi s-somma ta’ hamest elef Lira Maltija, (LM5,000.00,0), u

kwindi tapplika r-regola stabbilita fl-artikolu 760(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi li "fil-kawzi dwar kapitali u imghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somma tal-kapital u tal-imghaxijiet flimkien",

2. Illi t-talba attrici hija intempestiva u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti qatt ma rrifjutaw illi jeffettwaw il-hlasijiet dovuti izda insistew illi l-atturi jghaddulhom ricevuti ghall-hlasijiet versati sal-lum u li jaghtu garanzija illi t-tieqa ezistenti fil-bar u restaurant lilhom imwilli mill-atturi mhux ser tinghalaq, izda l-atturi dejjem baqghu inadempjenti;

3. Illi l-atturi ma jistghux jibbazaw it-talbiet taghhom fuq l-iskrittura tad-29 ta' Dicembru tas-sena 2001 stante illi l-imsemmija skrittura tikkontjeni disposizzjonijiet illi jmorru kontra regoli ta' ordni pubbliku u, senjatament, ghaliex fuq l-istess skrittura giet imposta rata ta' imghax illi tizboq l-ghola rata stabbilita u permess bil-ligi;

4. Illi l-eccipjenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom minn dawn il-proceduri sabiex iressqu 'l quddiem il-kontro-talbiet taghhom;

Illi stante li f'dan l-istadju l-vertenza bejn il-partijiet hi cirkoskritta ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, ghall-ekonomija tal-gudizzju qed tiddikjara li mhiex ser tiehu konjizzjoni ta' vertenzi ohra li hi kolpita bihom f'din il-procedura izda tirrizerva li tipprovdi fuq dawn fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Illi pero' stante li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi rikonvenzjonati datata t-23 ta' Lulju tas-sena 2004 dawn ukoll eccepew in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-qorti "ratione valoris", tiddikjara li din id-decizjoni tinkludi din l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-atturi rikonvenzjonati li tghid is-segwenti:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni "*ratione valoris"* ta' din il-qorti sabiex tiddeciedi l-vertenza proposta mill-konvenuti, il-valur ta' liema vertenza, *ex admissis,* jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM454.80,0), li ghalhekk jaqa' fl-ambitu tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar a tenur ta' l-Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet f'dawn ir-rigwardi;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza bejn il-partijiet hi naxxenti minn dizgwid li qam bejniethom wara skrittura privata li huma kkonkludew u datat id-29 ta' Dicembru tas-sena 2001;

Illi l-vertenza prezenti hi limitata ghall-zewg kwistjonijiet sollevata mill-partjiet rispettivament;

a. Illi l-konvenuti jsostnu li l-qorti mhix kompetenti li tisma' l-kawza odjerna stante li l-atturi, fl-avviz minnhom intavolat, indikaw il-kliem "*…jew somma verjuri…",*

b. Illi l-atturi, min-naha taghhom isostnu li la l-konvenuti illimitaw it-talba rikonvenzjonali taghhom ghall-erba' mija u erba' u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM454.80,0), allura l-qorti wkoll mhix kompetenti tipprocedi bis-smiegh ta' din il-kontrotalba;

Ikkunsidrat:

Illi pero' l-partijiet ghazlu li jittrattaw verbalment il-kwistjonijiet minnhom sollevati minghajr ma jipproducu prova in sostenn tat-talbiet taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk hadd mill-partijiet ma pprova l-kaz tieghu skond il-ligi stante li z-zewg posizzjonjiiet huma fluwidi u determinati biss wara ezami akkurat tal-provi, jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi z-zewg eccezzjonijiet preliminari rispettivi, tiddikjara li f'dan l-istadju hi kwistjoni ta' ordni pubbliku li tipprosegwixxi bil-procedura, u filwaqt li tirrizerva ruhha fuq il-kap ta' l-ispejjez tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------